PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2013/2176(INI)**

4.12.2013

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-Unjoni Ewropea kif tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent ospitabbli biex l-intrapriżi, in-negozji u n-negozji ġodda joħolqu l-impjiegi? (2013/2176(INI)),

Rapporteur għal opinjoni(*): Josefa Andrés Barea

(*)Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-ħtieġa għal integrazzjoni akbar tal-politiki tal-Unjoni favur l-SMEs fir-rigward tal-innovazzjoni, it-tkabbir, il-kompetittività, l-internazzjonalizzazzjoni, l-intraprenditorija, il-produttività tar-riżorsi, it-tnaqqis tal-burokrazija, il-kwalità tar-riżorsi umani, u r-responsabbiltà soċjali u ambjentali;

2. Jinnota li r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ Ewropej (ta' età bejn 15-24 sena) laħqet ir-rata mhux sostenibbli ta' 23 % u hija 'l fuq minn 50 % f'dawk l-Istati Membri li nlatqtu l-aktar ħażin mill-kriżi; jindika li dawn ir-rati estremament għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ qegħdin iwasslu għal eżodu kbir ta' mħuħ u qegħdin idgħajfu b'mod sinifikanti l-kapaċità tagħna għal tkabbir sostenibbli fil-futur;

3. Jenfasizza li l-kompetizzjoni ħielsa u ġusta fis-suq uniku, imsejsa fuq standards soċjali komuni, hija ta' importanza kruċjali biex jiġu xprunati t-tkabbir u l-innovazzjoni u b'hekk jiżdiedu l-impjiegi fl-Unjoni;

4. Jirrimarka li aktar minn 20 miljun SME fl-UE jirrappreżentaw 99 % tan-negozji, u jservu ta' mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali;

5. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tkabbir tal-ekonomija soċjali fis-snin riċenti bħala forma ġdida ta' intraprenditorija fl-Unjoni Ewropea. jistieden lill-Istati Membri japprofondixxu l-programmi li jippromwovu l-ħolqien u l-iżvilupp tagħha;

6. Jirrimarka li l-kumpaniji, madankollu, ta' spiss jaffrontaw problemi biex isibu l-fondi meħtieġa għall-finanzjament tar-riċerka tagħhom, biex jiżviluppaw prodotti ġodda jew ikollhom aċċess għal swieq ġodda;

7. Jinnota li, fl-Ewropa, il-proċess biex dak li jkun jistabbilixxi negozju jieħu bejn erbat ijiem (fil-Belġju) u erbgħin jum (f'Malta)[1];

8. Jilqa' l-Programm għall-Kompettività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME) u l-istrument tal-SMEs previst fil-programm Orizzont 2020; madanakollu, jilmenta għall-fatt li l-baġit għal COSME u għall-SMEs f'Orizzont 2020 skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (MFF), huwa limitat;

9. Jilqa' b'mod partikolari l-azzjonijiet speċifiċi skont COSME, li tfasslu biex itejbu l-kundizzjonijiet qafas tal-intrapriżi, b'mod partikolari għall-SMEs, biex jġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi u s-swieq u għall-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-kultura intraprenditorjali; jisħaq fuq il-ħtieġa tal-promozzjoni ta' dawn il-kompetenzi, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ minn età żgħira u n-nisa; jenfasizza li ambjent regolatorju prevedibbli u ċar huwa essenzjali għall-promozzjoni tal-iżvilupp tal-intraprenditorja fl-

[1] http://data.worldbank.org/indicator/IC.REG.DURS

Ewropa; jistenna li l-miżuri u l-azzjonijiet li jippromwovu l-intraprenditorija fil-livell Ewropew jew nazzjonali għandhom ikopru t-tipi kollha ta' mudelli ta' intrapriżi, inklużi kooperattivi, negozji artiġjanali, professjonijiet liberi u intrapriżi soċjali; jilqa' b'mod partikolari l-appoġġ kontinwu għall-finanzjament ta' dejn jew ekwità skont il-programm Orizzont 2020 u COSME;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura aċċess aħjar tal-SMEs għall-Fondi Strutturali, b'mod partikolari billi terħi r-rekwiżiti għal proġetti ffinanzjati preċedentament, tnaqqas ir-rekwiżiti ta' kofinanzjament, toffri gwida aħjar għal tipi differenti ta' SMEs u toħloq kapaċità ta' appoġġ għall-finanzjament tal-SMEs;

11. Jenfasizza l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni fit-tisħiħ tal-kompetittività, il-produttività, is-sostenibbiltà u l-potenzjal tal-ħolqien tal-impjiegi tal-SMEs Ewropej u jinnota l-fokus sinifikanti li jagħtu l-programm Orizzont 2020 u l-EIT lill-ħolqien u l-appoġġ ta' SMEs innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir;

12. Jilqa' l-inizjattiva REFIT tal-Kummissjoni li tabolixxi ċerta leġiżlazzjoni tal-UE li rriżulta li toħloq piżijiet sproporzjonati għall-intrapriżi Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs;

13. Iqis li l-programm Erasmus għall-Imprendituri Żgħażagħ se jħeġġeġ l-intraprenditorija u l-ħolqien tal-impjiegi;

14. Jenfasizza l-importanza tal-SMEs mhux biss fil-ħolqien iżda wkoll fiż-żamma tal-impjiegi

15. Jitlob koordinazzjoni aħjar tal-mekkaniżmi ta' finanzjament tal-UE, inklużi l-Fondi Strutturali, il-FEŻR, il-programm Orizzont 2020 u l-investimenti tal-BEI, speċjalment fejn jidħol il-finanzjament ta' SMEs innovattivi, u jitlob valutazzjoni tal-ostakoli attwali li jwasslu biex il-banek f'bosta Stati Membri jonqsu milli jipprovdu fondi u garanziji fuq is-self lill-SMEs u lill-ekonomija reali.

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkunu aktar rigorużi fil-valutazzjoni tal-impatt tar-regoli futuri u attwali dwar l-SMEs u l-kompetittività b'mod ġenerali;

17. Jitlob l-appoġġ għall-programmi ta' mobilità tal-UE għall-intraprendituri, bħall-Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażagħ, u l-integrazzjoni tal-edukazzjoni tal-intraprenditorija fil-kurrikuli tal-iskejjel nazzjonali permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki;

18. Jemmen li l-miżuri tal-politika pubblika għandhom rwol importanti biex jappoġġaw u jistimulaw il-ħolqien u l-iżvilupp tal-SMEs (eż. self li jifilħu għalih, servizzi ta' konsulenza dwar l-inizjattivi pubbliċi u l-leġiżlazzjoni, inkubaturi u aċċeleraturi tan-negozju, ir-raggruppamenti, l-uffiċċji għat-trasferiment tat-teknoloġija, skemi ta' kkowċjar u tal-mentoring eċċ.); iqis li n-netwerking u l-iskambju tal-aħjar prassi għandhom rwol importanti f'dan ir-rigward; jemmen li l-appoġġ mhux tanġibbli u mhux finanzjarju bħall-aċċess għall-għarfien u l-informazzjoni, l-edukazzjoni finanzjarja, u n-netwerks tan-negozju huma essenzjali għall-intraprendituri u l-SMEs il-ġodda biex jiżviluppaw in-negozji tagħhom; iqis li, biex jiġi stimulat is-suq intern u l-kummerċ bejn in-negozji żgħar huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki okkupazzjonali u l-interoperabbiltà ta' sistemi regolatorji kummerċjali differenti;

19. Jinnota li l-kumpaniji ġodda li jsiru internazzjonali b'mod rapidu u intensiv wara l-fażi ta' "start up" jagħtu kontributi siewja għall-ekonomija billi joħolqu l-innovazzjoni, jinkoraġġixxu l-innovazzjoni f'kumpaniji oħra, il-parteċipazzjoni fil-ktajjen tal-provvista internazzjonali u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli u ta' kwalità għolja. Jenfasizza, madankollu, li dawn il-kumpaniji jaffaċċjaw sfidi sinifikanti fil-fażi tal-"istart up" minħabba livelli baxxi ta' kapital, u għalhekk, proċeduri rħas, sempliċi u rapidi ta' "start up" ikunu ta' benefiċċju għalihom;

20. Jenfasizza li l-importanza tal-ħolqien u l-appoġġ "integrali" għall-intraprendituri żgħażagħ permezz ta' dawk li jissejħu l-inkubaturi tan-negozju jagħtu l-opportunità li jittestjaw l-ideat tagħhom, li jsiru familjari mal-istrutturi tan-negozju u jgħinuhom jagħmlu kuntatt ma' sħab, klijenti u investituri potenzjali. jenfasizza li l-mentoring mhuwiex biss meħtieġ fil-fażi inizjali, iżda wkoll b'mod kontinwu matul is-snin kritiċi wara l-fażi ta' "start up".

21. Jemmen li l-SMEs huma fost l-aktar negozji li għandhom potenzjal ta' innovazzjoni fl-ekonomija Ewropea, u għandhom rwol kruċjali f'li joffru rotot għax-xogħol. Jiddispjaċih li f'ħafna Stati Membri huma esklużi mill-politiki pubbliċi ta' riċerka, innovazzjoni u żvilupp u jitlob li ssir bidla radikali f'dik it-tendenza;

22. Jinnota li f'ħafna Stati Membri jonqos appoġġ adegwat u/jew qafas regolatorju suffiċjenti għall-iżgurar ta' kundizzjonijiet xierqa għall-kumpaniji ġodda u innovattivi u għal "start ups" u jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni aħjar bejn l-istrumenti u l-politiki nazzjonali, reġjonali u lokali rigward l-SMEs;

23. Josserva li strateġija fit-tul għat-titjib tal-kompetittività ta' negozju u l-protezzjoni ta' impjieg tista' tesiġi ristrutturar; itenni l-importanza tal-għoti ta' informazzjoni u tal-konsultazzjoni tal-ħaddiema meta jinħaseb li jsir ristrutturar, u li tingħata għajnuna għall-ġestjoni tiegħu; jitlob li l-Kummissjoni, malajr kemm jista' jkun, fuq il-bażi tal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, tippreżenta proposta għal att legali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet dettaljati li saru fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2013;

24. Jilqa' l-introduzzjoni tat-"test tal-SMEs". jiddispjaċih, madankollu, li biss uħud mill-Istati Membri integrawh fil-proċess nazzjonali tagħhom għat-teħid tad-deċiżjonijiet;

25. Jemmen li l-kompetizzjoni fiskali inġusta bejn l-Istati Membri taffettwa b'mod negattiv l-iżvilupp tal-intrapriżi, li ta' spiss l-SMEs jinsabu żvantaġġati fis-sistemi fiskali b'paragun ma' kumpaniji akbar, u li għalhekk, it-tkabbir u l-investiment potenzjali tal-SMEs qegħdin jisfaw maħnuqa; huwa favur koordinazzjoni aħjar tas-sistemi fiskali tal-kumpaniji fl-UE permezz tal-introduzzjoni ta' bażi tat-taxxa armonizzata, akkumpanjata b'azzjoni biex tiġi miġġielda l-evażjoni tat-taxxa u ppjanar fiskali aggressiv;

26. Jistieden lill-Istati Membri jibqgħu jimplimentaw miżuri tal-politika, akkumpanjati b'mekkaniżmi li jinċentivaw l-ekonomija u r-regolamentazzjoni, li jsawru l-kultura u s-sistemi edukattivi permezz tal-ħolqien tas-sħubijiet u netwerks ta' skambju bejn id-diversi livelli kollha ta' edukazzjoni u kumpaniji, sabiex jingħalaq id-distakk attwali bejn id-dinja tal-edukazzjoni u s-suq bl-għan li tiġi ffaċilitatata l-mobbiltà tar-riċerkaturi mill-universitajiet għall-kumpaniji, u b'hekk titrawwen l-innovazzjoni; jemmen li l-Istati

Membri għandhom jirreaġixxu aktar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi jrawmu tagħlim u apprendistati msejsa fuq ix-xogħol, kif ukoll permezz ta' taħriġ mill-ġdid tal-impjegati u l-għoti ta' opportunitajiet ta' tagħlim matul il-ħajja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu skemi vijabbli ta' tranżizzjoni mill-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali għas-suq tax-xogħol, speċjalment għal professjonisti żgħażagħ li qegħdin jidħlu fis-suq tax-xogħol għall-ewwel darba; jitlob l-introduzzjoni ta' korsijiet tal-intraprenditorija fis-sistemi edukattivi sa mil-livell sekondarju, u biex l-intraprenditorija tiġi elenkata bħala kompetenza ewlenija fil-programmi edukattivi u ta' taħriġ;

27. Jenfasizza li, biex jingħeleb in-nuqqas ta' ħiliet li l-Ewropa qed tħabbat wiċċha miegħu bħalissa, jeħtieġ li tittieħed azzjoni b'urġenza biex tħaffef l-aċċess tan-nisa għal taħriġ u impjiegi xjentifiċi u teknoloġiċi, partikolarment fil-qasam tat-teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT);

28. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-kultura tal-internazzjonalizzazzjoni permezz tal-informazzjoni, il-preżentazzjoni ta' prassi tajba u l-provvista ta' pjattaforma għall-iskambju tal-informazzjoni; iħeġġiġhom jipprovdu żvilupp tal-ħiliet fil-qasam tal-intraprenditorija b'fokus internazzjonali, u jippromwovu it-trasparenza fir-rigward tal-għodda ta' appoġġ disponibbli għal "start-ups", jappoġġaw netwerking u skambji li jikkollegaw l-intraprendituri żgħażagħ ma' investituri u sħab kummerċjali potenzjali; u jipprovdu pariri operazzjonali u appoġġ anke wara l-fażi ta' "start up" sabiex jgħinu lill-intraprendituri żgħażagħ jegħlbu l-ewwel snin kritiċi u jipprovdu inċentivi għall-impjieg;

29. Jenfasizza l-ħtieġa għall-promozzjoni tal-edukazzjoni u l-ħiliet fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) fl-UE bħala mezzi neċessarji biex jiġu sodisfatti d-domandi dejjem jiżdiedu tan-negozji fis-snin li ġejjin u jiġu żviluppati l-innovaturi u l-intraprendituri tal-ġejjieni; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata r-rata dejjem tonqos tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suġġetti STEM u li r-riserva tat-talenti tal-UE tkompli titwessa';

30. Jinnota l-impatt pożittiv fuq l-użu ta' sistemi tal-edukazzjoni vokazzjonali li jikkombinaw taħriġ teoretiku ma' esperjenza prattika; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn is-settur privat u dak pubbliku u l-involviment tas-sħab soċjali;

31. Jenfasizza l-importanza li ż-żgħażagħ Ewropej jingħataw edukazzjoni intraprenditorjali u li l-attitudnijiet intraprenditorjali jiġu inkoraġġiti; f'dan il-kuntest, jinnota r-rwol importanti li għandu l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) fil-promozzjoni ta' kultura intraprenditorjali permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-prattika. jinnota li l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni kollha tal-EIT jippromwovu attivament l-intraprenditorija fl-oqsma rispettivi tagħhom permezz tal-iżvilupp ta' kurrikuli li jikkombinaw xjenza u innovazzjoni eċċellenti ma' ħiliet u esperjenzi intraprenditorjali, u b'hekk jippreparaw lill-intraprendituri tal-ġejjieni u jittrażmettu lin-negozji eżistenti mentalità innovattiva u intraprenditorjali;

32. Jemmen fl-importanza tal-promozzjoni tal-intraprenditorija anzjana bħala mezz ta' kif il-popolazzjoni anzjana li għandha esperjenza sinifikanti fin-negozju tiġi involuta fil-proċess ta' innovazzjoni, u b'hekk jittawwlu l-ħajjiet tax-xogħol u ħiliet indispensabbli jinżammu

fis-suq tax-xogħol;

33. Jappoġġa l-inizjattivi tal-UE li jgħinu lill-SMEs jaċċedu b'aktar faċilità għal riżorsi finanzjarji, minħabba l-fatt li dawn l-inizjattivi jwasslu għal finanzjament aktar faċli u rapidu għal kumpaniji ġodda u innovattivi, iħeġġu lill-Istati Membri jadottaw mekkaniżmi li jħeġġu l-innovazzjoni (eż. mekkaniżmi ta' kreditu fiskali għall-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni) u joffru rimedju għal inugwaljanzi bejn Stat Membru u ieħor; jappoġġa wkoll l-inizjattivi li jinkoraġġixxu lill-intraprendituri li jkkunu ġarrbu falliment, b'tali mod li jagħtuhom ċans ieħor u ma jiskoraġġixxux it-teħid tar-riskji;

34. Iqis li l-SMEs Ewropej huma dipendenti ħafna fuq il-finanzjament bankarju u li dan iżid il-vulnerabbiltà tagħhom. jinnota li hemm benefiċċji reali fil-forom ġodda ta’ finanzjament permezz ta’ programmi innovattivi u rotot mhux bankarji bħas-self peer-to-peer, finanzjament kollettiv, mudelli ta' negozju kooperattivi, mikrokrediti u għodod oħra, li jistgħu jipprovdu l-investiment vitali biex l-SMEs joħolqu impjiegi ġodda; iqis li forom ġodda ta’ finanzjament jistgħu jkunu ta’ benefiċċju għall-kumpaniji ġodda u dinamiċi li jsibu diffikultà biex ikollhom aċċess għas-sorsi aktar tradizzjonali tal-finanzjament minħabba li jkunu daqstant ġodda; jilqa’ l-fatt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-potenzjal ta’ sorsi alternattivi ta’ finanzjament għall-bidu jew l-akkwist ta’ SMEs u li qiegħda tinvestiga kemm hu f'loku li jiġi stabbilit qafas għal dawn l-approċċi, u li jingħataw appoġġ; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tinvestiga kif dawn is-sorsi ta' finanzjament jistgħu jiġu ingranati aktar biex jgħinu lill-mikrointrapriżi u l-SMEs, u biex tindirizza l-ħtiġijiet tar-regolamentazzjoni, l-edukazzjoni u r-riċerka f’dan il-qasam; jistieden lill-Istati Membri, f’kooperazzjoni mas-sħab soċjali u partijiet interessati oħra fl-livell reġjonali u lokali, jidentifikaw setturi strateġiċi adattati għall-proġetti b’finanzjament alternattiv, partikolarment fir-reġjuni fejn l-ekonomija konvenzjonali ma tistax tissodisfa sew il-ħtiġijiet speċifiċi ekonomiċi u soċjali;

35. Iqis importanti ferm għall-Istati Membri li jimplimentaw id-Direttiva 2011/7/UE dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali, skont liema, fir-rigward tat-transazzjonijiet bejn intrapriżi u awtoritajiet pubbliċi, il-perjodu tal-ħlas kuntrattwali m’għandux jaqbeż il-limiti ta’ żmien stabbiliti fl-Artikolu 4(3) sakemm mhux miftiehem espressament mod ieħor fil-kuntratt u bil-kundizzjoni li jkun iġġustifikat b’mod oġġettiv fid-dawl tan-natura jew il-karatteristiċi partikolari tal-kuntratt, u li fi kwalunkwe każ ma jaqbiżx is-60 ġurnata kalendarja;

36. Jenfasizza l-ħtieġa għas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli, u li inċentivi finanzjarji u fiskali għandhom jingħataw bil-għan li investituri "angel", investituri fi stadju ta’ tnissil ta’ kumpaniji u investituri ta' kapital ta' riskju jiffinanzjaw b'mod transkonfinali negozji u start-ups innovattivi, filwaqt li jenfasizza wkoll il-ħtieġa għall-istabbiliment ta' żona Ewropea ta' kapital ta' riskju. jisħaq l-importanza tat-tnaqqis tat-taxxi fuq il-profitti kapitali mill-investiment f'SMEs innovattivi u xprunati mir-riċerka;

37. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħinu lill-awtoritajiet lokali u lill-assoċjazzjonijiet tal-SMEs jippromwovu l-produzzjoni lokali u l-kwalità tal-prodotti, pereżempju permezz tal-aggregazzjoni tal-impriżi għall-proġetti konġunti ta’ riċerka u żvilupp;

38. Jemmen li l-innovazzjoni fl-SMEs hija rotta importanti li twassal għall-ħolqien tal-

impjiegi; huwa essenzjali li, sabiex jipparteċipaw b'suċċess fis-sistema ta' innovazzjoni, ikunu l-SMEs stess li jmexxu l-attivitajiet ta' innovazzjoni tagħhom u li l-appoġġ għalihom ikun mfassal aħjar skont il-ħtiġijiet reali tagħhom.

39. Jistieden lill-Kummissjoni biex b'mod trasparenti u xieraq twettaq testijiet għall-SMEs meta tkun qed tiżviluppa l-leġiżlazzjoni u biex tipproponi b'urġenza sistemi eħfef u eżenzjonijiet fuq firxa aktar wiesgħa ta' proposti leġiżlattivi sabiex l-ispejjeż tal-SMEs jitnaqqsu b'mod sinifikanti;

40. Jenfasizza li l-SMEs mhux innovattivi u stabbiliti diġà li qed ifittxu li jespandu fi swieq ġodda jew li jittrasferixxu s-sjieda tagħhom ta' spiss jeħtieġu wkoll appoġġ pubbliku sabiex jiksbu l-finanzjament meħtieġ;

41. Jilqa' l-ħolqien ta' strument SME taħt il-programm Orizzont 2020 li jippermetti l-aċċess għall-SMEs għall-appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju biex jimplimentaw ideat innovattivi; jistieden lill-Kummissjoni biex mill-2014 tintroduċi l-istrument bl-aktar mod favorevoli għall-SMEs, permezz ta' aġenzija unika apposta, b'tali mod li tippermetti l-preżentazzjoni reali tal-proġetti "minn isfel għal fuq" u tappoġġa t-tipi kollha ta' innovazzjoni, inkluża l-innovazzjoni mhux teknoloġika u soċjali.

42. Jenfasizza li l-miżuri kollha ta' appoġġ għall-SMEs għandhom ikunu applikabbli għal min jaħdem għal rasu, speċjalment fir-rigward tat-tipi differenti tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, il-benefiċċji mistennija minnhom u l-prevenzjoni tar-riskji fuq ix-xogħol

43. Jemmen li għandhom jittieħdu azzjonijiet biex jiġu ssimplifikati u mnaqqsa l-piżijiet imposti minn kull wieħed mill-aktar għaxar regoli ta' piż għall-SMEs;

44. Jilqa' t-tnaqqis tat-tariffi tar-reġistrazzjoni REACH għall-SMEs, anke jekk it-tariffi jirrappreżentaw frazzjoni tal-ispejjeż ġenerali ta' konformità; huwa ferm imħasseb madankollu li l-istimi inizjali tal-ispejjeż mir-REACH ġew sottovalutati u din id-differenza diġà tammonta għal aktar minn EUR 1 biljun u li ser tkompli tiżdied;

45. Jenfasizza l-fatt li, flimkien mar-rwol tiegħu bħala pjattaforma għall-komunikazzjoni soċjali, ir-rwol tal-internet bħala pjattaforma li biha ċ-ċittadini kollha jistgħu jniedu servizz jew prodott ġdid immirat lejn kwalunkwe ċittadin ieħor, filwaqt li jgħin biex jinkiseb il-finanzjament meħtieġ, biex b'hekk jinħolqu l-impjiegi u l-SMEs, huwa prinċipju ewlieni għas-Suq Uniku Diġitali, u jiltob li jitneħħew kemm jista' jkun l-ostakoli li għad baqa' għall-kummerċ transkonfinali. jinnota l-importanza tal-ekonomija diġitali għall-ħolqien tal-impjiegi u tal-SMEs, speċjalment f'setturi li fihom l-Ewropa hija tradizzjonalment b'saħħitha, bħall-industriji kreattivi, il-wirt kulturali u t-turiżmu; iqis li l-ikkompletar tas-suq uniku diġitali se jiffavorixxi l-appoġġ u l-iżvilupp tal-SMEs;.jenfasizza li l-integrità u l-protezzjoni personali tad-dejta kummerċjali dejjem għandha tiġi ggarantita;

46. Jenfasizza l-opportunitajiet li joffru t-teknoloġiji tal-ICT fit-titjib tal-produttività u l-kompetittività; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi sfruttat il-potenzjal tas-suq uniku diġitali u jfakkar li l-ispiża biex jitnieda negozju innovattiv tal-ICT naqset b'fattur ta' 100 fl-aħħar għaxar snin, primarjament minħabba teknoloġiji bħall-broadband ultraveloċi u minn kullimkien, cloud computing, softwer ta' sors miftuħ, dejta miftuħa u aċċess għall-informazzjoni tas-

settur pubbliku;

47. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi evitat li jitqiegħdu piżijiet regolatorji sproporzjonati fuq l-SMEs; jemmen li l-Kummissjoni għandha tagħmel aktar biex tissodisfa l-impenn tagħha tal-2011 li tipproponi sistemi regolatorji eħfef għall-SMEs.

48. Iqis li l-ikkompletar tas-suq uniku diġitali se jiffavorixxi l-appoġġ u l-iżvilupp ta' SMEs; iqis li jeħtieġ li jiġi żgurat li l-persunal ikkwalifikat meħtieġ tal-ICT ikun disponibbli u li l-pubbliku Ewropew ikollu l-ħiliet diġitali meħtieġa biex jagħmel użu mit-teknoloġija tal-ICT;

49. Jinnota l-ħtieġa li tittejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-intrapriżi, permezz ta' proġetti u strumenti li jippermettu li tiġi indirizzata l-isfida tal-irkupru enerġetiku bl-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija;

50. Jemmen li l-mikrointrapriżi għandhom jibbenefikaw minn eżenzjonijiet awtomatiċi u għandhom jiġu inklużi biss fir-regoli li huma ta' benefiċċju għalihom.

51. Jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu skemi li jippermettu aċċess aktar faċili għall-professjonisti ġodda fis-suq tax-xogħol, speċjalment billi jitnaqqsu l-kumplessità u l-ispiża biex jibdew jaħdmu għal rashom, inkluż it-tnaqqis tal-ispejjeż tax-xogħol indiretti; f'dan l-ispirtu, iħeġġeġ l-istabbiliment ta' definizzjoni Ewropea tal-"awtoimprenditur" għal attivitajiet relatati mal-ekonomija diġitali Ewropea;

52. Jinnota l-ħtieġa li jiġu msaħħa r-regolamenti Komunitarji fir-rigward tat-traċċabilità tal-prodotti, bl-għan li tiġi miġġielda l-falsifikazzjoni u jinħoloq mezz effettiv biex jitħeġġeġ l-iżvilupp tal-SMEs;

53. Jenfasizza li d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u s-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol m'għandhomx jitqiegħdu f'periklu minħabba tnaqqis fl-obbligi ta' dokumentazzjoni u rappurtar;

54. Jenfasizza li l-Gvern Elettroniku huwa ta' benefiċċju b'mod partikolari għall-intraprendituri (b'mod partikolari għall-SMEs, li spiss jiffaċċjaw ostakoli li ma jistgħux jegħelbu meta joperaw b'mod transkonfinali fi ħdan l-UE), peress li dan iġib miegħu spejjeż u piżijiet amministrattivi mnaqqsa, aktar produttività, effiċjenza, kompetittività, trasparenza, ftuħ, effikaċja tal-politika, aċċessibilità u simplifikazzjoni tal-proċeduri;

55. Jemmen li l-Komunikazzjoni riċenti tal-Kummissjoni dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT) għandha tkun il-bidu ta' spinta aktar ambizzjuża biex tinbena UE aktar kompetittiva billi jitnaqqsu l-ispejjeż tar-regolamentazzjoni tan-negozju permezz tas-simplifikazzjoni tal-inizjattivi, il-kontrolli fuq l-idoneità u l-irtirar u t-tħassir tal-leġiżlazzjoni;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.11.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 38<br>–: 7<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Jan Březina, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Vicky Ford, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Philippe Lamberts, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Jens Rohde, Paul Rübig, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Catherine Trautmann, Ioannis A. Tsoukalas, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Alejo Vidal-Quadras |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Rachida Dati, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Seán Kelly, Holger Krahmer, Werner Langen, Zofija Mazej Kukovič, Alajos Mészáros, Vladimír Remek, Silvia-Adriana Ţicău |